MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 733/2006

**Talba Nru: 733/06VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Mary Pantalleresco (Id. 707155M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disa' centezmi (Lm353.09c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21521164, skond diversi kontijiet mibghuta lil-konvenuta, li giet interpellata diversi

drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disa’ centezmi (Lm353.09c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------